MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1227/2004

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Euro-Technology and Trade
Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm297.56c (mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu) bhala hlas ghal servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta in kwantu ghal Lm122.13c (mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tlettax-il centezmu) in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9942 8859 u in kwantu ghar-rimanenti Lm175.43c (mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu) in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9980 3691.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Nadia Borg li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm297.56c (mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------